# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 22 ta' Ottubru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 1576/00mm**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Marbemet Co. Ltd**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tliet mija u hamsa u tmenin lira Maltija u sebghin centezmu (Lm385.70) bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti access ghall-

uzu ta’ mobile telephone u “airtime” ghall-istess uzu, moghti lis-socjeta’ konvenuta mis-socjeta’ attrici ghall-perjodu mit-30 ta’ Awissu, 1997, sa’ l-1 ta’ Marzu, 2000.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx, la fis-16 ta’ Ottubru, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.